GUDJA

Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut u Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 21/6 (15/11/2010)
   22/6 (23/11/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

5. Laqgħa Pubblika

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 21/6 (15/11/2010)**
**22/6 (23/11/2010)**

1.1 Il-minuti tal-15 ta' Novembru 2010 u tat-23 ta' Novembru 2010 li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Laqgħa ma' Dr. Albert Buttigieg – Kap Eżekuttiv tal-Awtorita tad-Djar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi flimkien mas-Segretarju Esekuttiv kellu laqgħa ma Dr. A. Buttigieg dwar proġetti li jirrigwardaw ambjent aħjar u faċilitajiet fil-Housing Estate tal-Mitħna, Gudja. Is-Sindku qal li waqt din il-

laqgħa huwa fakkar lil Dr. A. Buttigieg dwar il-proġett li kien ġie imwiegħed mill-Awtorita tad-Djar iżda li wara ma sarx xejn mill-istess Awtorita tad-Djar anke jekk il-Kunsill kien daħal fi spiża sabiex jipprepara l-pjanti.

Is-Sindku qal li issa l-Kunsill għandu jagħmel proposti ġodda iżda li jista ukoll jerġa jqajjem dak il-proġett li kien diġa ħadem fuqu sabiex b'hekk issir dak il-benefikat meħtieġ għar-residenti tal-Housing Esate tal-Mitħna, speċjalment dawk li jgħixu fl-appartamenti.

Il-Kunsill qabel li din il-proposta u l-proġett li għandu jiġi prppost jiġi diskuss quddiem il-Kunsill fi żmien qasir sabiex b'hekk il-Kunsill kollu jkun involut bi sħiħ f'dan il-proġett li jista iġib madwar €75,000 fil-fondi tal-Kunsill sabiex iwettaq dak meħtieġ sabiex ir-residenti tal-Housing Estate ikollhom ħajja aħjar kemm fl-appartamenti u djar tagħhom kif ukoll soċjalment.

2.1.2 Xogħol fuq il-faċċata tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill 88 Triq R. Caruana Gudja. Is-Sindku informa l-Kunsill illi qed issir ħafna xogħol fil-bini tal-Kunsill inkluż f'dik il-parti li qed tintuża għall-Għassa tal-Pulizija.

Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill flimkien ma' ħaddiema oħra dwar pluming u electricians qed jagħmlu xogħol sew u siewi u li dalwaqt fil-Kunsill ikun kemm xelter, kantina u kmamar oħra aċċessibli li jkunu jistgħu jinfetħu għal wiri u li jkunu ukoll jiġu inkorporati fil-proġett Gudja Post Turistiku.

2.1.3 Ħtieġa ta' servizz ta' wardens fil-ħinijiet tal-MUSEUM kif ukoll il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ fl-iSkola St. Joan Antide Gudja. Is-Sindku qal li qed jaslulu ħafna ilment dwar li waqt il-ħinijiet tal-MESEUM qed jgħaddu vetturi minn Triq l-Annunzjata liema sewqan mhux permess għaliex hemm anke tabelli li juru li mhux permess li jidħlu u joħorġu minn Triq l-Annunzjata fil-ħinijiet tal-MUSEUM.

Il-Kunsill qabel li jissejħu l-Wardens bi skop li jeddukaw speċjalment għal min ikun għamel hekk għall-ewwel darba, iżda wara jkunu severi ma min jppersist li jikser il-liġi u jkompli jpoġġi l-ħajja ta' dawk it-tfal li jattendu l-MUSEUM kemm tal-bniet kif ukoll tas-subien fil-periklu.

Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel ukoll li f'dan il-kuntest il-Kunsill għandu jitlob l-intervent tal-wardens sabiex jagħtu aktar protezzjoni lit-tfal li jattendu l-iskola St. Joan Antide speċjalment waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ ta' tfal minn din l-iskola.

2.1.4 Performance Bonus ta' Ms. Antoinette Azzopardi (uffiċċjal esekuttiv). Is-Sindku qal li r-rapport dwar ix-xogħol ta' ħidma u performance ta' Ms. A. Azzopardi huwa tajjeb ħafna u kemm huwa, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha huma ferm sodisfatti b'din il-ħidma u għalhekk huwa kien qed jilqa ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Esekuttiv li l-Performance bonus ta' Ms. Azzopardi jkun dak massimu ta' 6%.

Il-Kunsill qabel li l-Performance Bonus ta' Ms. Azzopardi jkun ta' massimu ta' 6% u li dan jitħallas sa l-aħħar ta' Diċembru 2010.

2.1.5 Performance Bonus tas-Sur Joseph Mary Formosa (Segretarju Esekuttiv). Is-Sindku qal li ra u ddiskuta l-performance report u li fil-

fehma tiegħu l-ħimda tas-Segretarju Esekuttiv kienet ferm pożittiva u għenet sewwa l-ħidma tal-Kunsill fix-xogħol tiegħu b'risq ir-residenti tal-Gudja.

Is-Sindku rrakkomanda u l-Kunsill qabel li l-performance bonus tas-Segretarju Esekuttiv għandu jkun dak massimu ta' 10%.

Il-Kunsill qabel ukoll li jimxi mal-proċeduri kif ikunu stabbilita mid-Diparitment tal-Gvern Lokali dwar l-HR minn żmien għal żmien.

2.1.6 Tiġdid tax-xogħol tas-Segretarju Esekuttiv mal-Kunsill Lokali Gudja. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill jinsab impenjat f'diversi xogħlijiet u affarijiet oħra li hemm involut u hemm il-ħtieġa tas-servizz tas-Sur JM Formosa bħala Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill, huwa kien qed jirrakkomanda sabiex il-Kunsill jitlob lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali sabiex l-ingaġġ tas-Sur JM Formosa bħala Segretarju Esekuttiv jiġi mtawwal għal mhux anqas minn sena oħra.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali u jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex s-servizz tas-Sur JM Formosa jiġi mġedded għal mhux anqas minn sena wara d-data ta' l-għeluq ta' l-arranġment preżenti.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Villaġġ tal-Milied fil-Gudja. Is-Sur R. Baldacchino qal li xtaq juri l-apprezzament tiegħu lejn is-Sindku u l-Kunsillieri kollha dwar is-sapport u sostenn miegħu dwar il-villaġġ tal-Milied fil-Gudja li seħħ b'tant suċċess fid-19 ta' Diċembru 2010.

Is-Sur R. Baldacchino qal li xtaq jirringrazzja l-amministrazzjoni u l-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll lil dawk kollha li ħadu sehem fl-attivitajiet u lill-dawk li għenu fil-programm tal-Milied ġewwa l-Gudja.

Is-Sur R. Baldacchino qal li xtaq li r-ringrazzjament tal-Kunsill għandu ukoll imur lejn il-Każini u stabbilimenti kollha ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq b'mod speċjali jirringrazzja lil Ms. Azzopardi, Sur Charles Zammit, Sur Noel Calleja, Sur John Dalli, Sur Stefan Caruana, Sur Toni Dalli, l-Arċipriet Fr. Martin Cardona u l-Għaqda Rġiel Kultura Nisranija Gudja għal ħidma u l-ko-operazzjoni tagħhom sabiex ir-residenti tal-Gudja kemm tfal, żgħażagħ, u adulti jgawdu kemm il-Villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja kif ukoll attivitajiet oħra dwar il-Festi tal-Milied fi ħdan il-Kunsill Lokali Gudja.

2.2.2 Parkeġġ fi Vjal it-Torri Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-parkeġġ f'din it-triq qed joħloq problemi b'mod partikolari fil-parti fejn hemm il-ħwienet.

Is-Sur R. Baldacchino qal li r-residenti viċin dawn il-ħwienet qed jitolbu sabiex ikun hemm aktar ordni għaliex qed jiffaċjaw periklu serju meta joħroġu minn djarhom.

Il-Kunsill qabel li jitlob kemm il-Pulizija kif ukoll il-wardens sabiex jagħmlu kemm ronda kif ukoll spezzjonijiet frekwenti u b'mod regolari sabiex ikun hemm l-ordni u jonqos il-periklu.

Il-Kunsill qabel ukoll li jikkonsidra t-talba ta' sleeping policeman ieħor in-naħa ta' fuq tat-triq (quddiem l-ironmongery) peress li uħud mis-sewwieqa xorta waħda jsibu lok fejn isuqu b'veloċita eċċessiva wara li diġa jkunu qabżu l-isleeping policeman li hemm aktar l-isfel.

Il-Kunsill qabel li jagħmel dak kollu possibli sabiex jiġi eliminat il-periklu u li jkun hemm l-ordni meħtieġa għas-sigurta tar-residenti u għal kull minn jiffrekwenta l-inħawi.

2.2.3 Lampa li nqalgħet fi Triq l-Awrekarja (Tal-Mitħna) Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li bi ftehim mar-residenti, din il-lampa nqalgħet u reġgħet tpoġġiet mal-ħajt viċin bl-użu ta' robots ta' l-stainless steel li ma jagħmlux ħsara fil-ħajt.

Wara li din il-lampa twaħħlet fil-post viċin u wara li dan sar bi qbil mar-residenti, t-tifel ta' waħda minn dawn ir-residenti li diġa kienet qablet li titwaħħal din il-lampa fejn atwalment twaħħlet, insista li din il-lampa għandha tinqala u titwaħħal fil-post fejn kienet anke jekk il-ġebla kienet diġa dgħajfa.

Il-Kunsill qabel li din il-lampa għandu tibqa fejn attwalment twaħħlet peress li kien diġa intlaħaq ftehim mar-residenti qabel din il-lampa twaħħlet u peress li anke l-materjal użat ma jaqsamx il-ġebla u din il-lampa fejn twaħħet hija meħtieġ sabiex iddawwal it-triq u tagħti sigurta r-residenti.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Anthony Dalli

a. Christmas Carols għall-Anzjani tal-Gudja. Is-Sur A. Dalli qal li nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2010 fid-9.00a..m. l-Kunsill flimkien ma' l-iSkola Primarja tal-Gudja kien sejjer issir programm ta' Christmas Carols mit-tfal ta' l-iSkola Primarja, Surmast ta' l-iSkola u għalliema fejn it-tfal ikantaw Christmas Carols għall-anzjani fil-bieb ta' djarhom u l-anzjani jingħataw qagħqa tal-għasel.

Is-Sur A. Dalli stieden il-parteċipazzjoni ta' kulħadd għal waqt din l-okkażjoni. Il-Kunsill qabel li jħallas għall-ispiża ta' dawn il-qagħaq tal-għasel peress li din l-attivita hija fil-programm tal-Milied u li bija tinħoloq atmosfera tajba bejn it-tfal u l-anzjani tal-Gudja.

b. Tappieri dwar il-ħofor ta' l-arbli tal-festa. Is-Sur A. Dalli qal li issa dawn it-tappieri għandhom jitpoġġew f'posthom sabiex jitneħħa kull periklu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol issir malajr kemm jista' jkun mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

c. Traffic lights mit-Triq De Warsbergh għall-Ajruport Internazzjonali Gudja. Is-Sur A. Dalli li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni sabiex it-Trasport Malta tagħmel sistema ta' traffic lights sabiex tkun aktar faċli u sigur għal min ikun irid jaqsam mir-raħal jew jiġi mill-Ajruport Internazzjonali għal ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li għandu jikteb u jsegwi dan peress li fil-preżenti kull min jaqsam din il-parti tat-triq ikun qed fil-periklu.

d. Ċentru ta' taħrig u tagħlim tul il-ħajja. Is-Sur A. Dalli qal illi l-Kunsill bagħat ittra lir-resideni tal-Gudja sabiex jinkiseb tagħrif dwar dak li r-residenti tal-Gudja, speċjalment l-anzjani jixtiequ jitgħallmu u jattendu f'dan iċ-ċentru.

Is-Sur A. Dalli qal li żmien sabiex tinkiseb din l-informazzjoni hija sal-31 ta' Jannar 2011 iżda qed ukoll issir attentat sabiex tinkiseb għajnuna mill-Ministeru sabiex jiġi immaniġjat u sostenut dan iċ-ċentru li jkun ta' tagħlim u wens għar-residenti tal-Gudja.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-ilment li rċieva u dawra l-azzjoni li qed tittieħed f'waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent kemm jista' jkun malajr.

3.1.2 Sinjali sofor ta' żewġ piedi kull naħa mal-garage nru 33 Triq San Mark Gudja. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-proċeduri meħtieġa sabiex issiru dawn is-sinjali sabiex l-aċċess u l-ħruġ minn dan il-garaxx ikun aktar faċli u sigur.

3.1.3 Sinjal isfar ta' żewġ piedi fi Triq il-Kappillan (maġemb id-dar ta' Klement). Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-proċeduri meħtieġa sabiex issir dan is-sinjal sabiex jitneħħa l-inkonvenjent preżenti.

3.1.4 Żieda ta' sinjal isfar ma' dak eżistenti fi Triq l-Annunzjata Gudja. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-proċeduri meħtieġa sabiex dan is-sinjal eżistenti jiżdied b'metru u b'hekk jitneħħa l-inkonvenjent eżistenti.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress tat-talbiet tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-progress kif meħtieġ.

## 4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

4.1 Is-Sindku spjega kif dan ix-xogħol beda iżda inqalaw kumplikazzjonijiet dwar id-drenaġġ u xogħlijiet oħra anċillari. Is-Sindku qal li għalhekk qabel beda x-xogħol kien hemm ukoll laqgħat ta' ko-ordinazment xorta waħda nqalgħaw l-intoppi.

4.2 Il-Kunsill għamel u qed jagħmel kull pressjoni u peress li hemm l-permessi kollha meħtieġa huwa jinsab sorpriż dwar id-diffikultajiet li qed jinqalaw wara li nbeda x-xogħol.

Il-Kunsill ġie assigurat illi dan ix-xogħol sejjer ikompli fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2011 u jitlesta mill-aktar fiss possibli.

4.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għandha titbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Ħal Resqun sabiex tispjega s-sitwazzjoni u li dwar id-dewmien ma kienx tort tal-Kunsill li għamel dak kollu li setgħa sabiex ikun hemm lanqas inkonvenjent għar-residenti fit-twettieq ta' dan ix-xogħol.

## 5.0 Laqgħa Pubblika

5.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha ssir fil-31 ta' Jannar 2011 fis-6.30p.m. u din għandha timxi skond il-proċeduri stabbiliti fil-liġi.

## 6.0 Finanzi

6.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Novembru b'ammont ta' €133.10 ġie approvat kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2010 għas-somma (x) ta' €23382.93 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

* and € 5965.90

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u l-infieq kif ġie indikat f'dawn il-minuti aktar il-quddiem.

6.3.2 Pulizija għall-waqt l-attivita tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena li sjera issir fit-02 ta' Jannar 2011. Il-Kunsill qabel li jħallas għas-servizz ta' żewġ pulizija għall waqt din l-attivita.

6.3.3 Ħsara fix-xelter ta' taħt il-bini tal-Kunsill fi 88 Triq R. Caruana Gudja. Il-Kunsill qabel li jsiru testijiet sabiex jiġi eżamminat x'tip ta' ilma qed joskula mill-blat u jekk hemmx si drenaġġ li jinsab mkisser u li għandu jiġi rranġat.

## 7.0 Għeluq tal-laqgħa

7.1 Xewqat tal-Milied 2010 u Sena l-Ġdida 2011. Is-Sindku u l-Kunsillieri taw l-awguri lill-xulxien u bagħtu l-awguri u l-isbaħ xewqat lill-impjegati kollha tal-Kunsill kif ukoll lir-residenti kollha tal-Gudja.

Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss sejra ssir fil-31 ta' Jannar 2011 fil-5.30p.m. jew f'data oħra aktar il-quddiem skond kif ikun meħtieġ u fuq l-agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem qabel il-laqgħa.

Il-Festi t-Tajba lill-Kulħadd

Il-laqgħa għalqet fit-7.45p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________